MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 142/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grazio Scicluna**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra Grazio Scicluna talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-12 ta' Marzu, 2001 ghall-habta ta' 5.25 p.m. fil-hanut Troppo Dolce, Triq Vivian, Santa Venera, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur

tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija skeda u l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Grazio Scicluna hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Grazio Scicluna, minnu ppresentat fit-18 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ din is-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2004; ikkunsidrat.

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li “l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma mmotivitx id-decizjoni taghha kif inhu mitlub fil-Kodici Kriminali”. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Kif gie ripetutament affermat minn din il-Qorti, fil-kaz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali dak li hu mehtieg hu li dik is-sentenza jkun fiha il-fatti li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati, il-piena erogata u l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat – Artikolu 382 tal-Kap. 9. Differentement il-ligi tipprovdi ghal, per ezempju, decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali “li biha tigi deciza kwistjoni ta’ ligi” – Artikolu 662(2) ta’ l-imsemmi Kodici Kriminali. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Fl-meritu l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti li rrizultaw mill-provi. Bazikament it-tezi ta’ l-appellant hi fis-sens li hu ma setax johrog ir-rcevuta fiskali bil-*cash register* lill-persuna li kienet xtrat hobza ta’ sittax-il centezmu ghax dak il-hin kien qed iservi u jaghmel il-kont ta’ persuna ohra; din il-persuna li kienet xtrat din il-hobza semplicement hallietlu l-flus u baqghet hierga ‘l barra. Din il-Qorti diga kellha okkazjoni li tikkummenta fuq sitwazzjoni simili. Fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Doris Bugeja***, din il-Qorti kienet qalet hekk:

**Din il-Qorti ma tarax li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-appellanti kienet xi wahda straordinarja; anzi kienet sitwazzjoni li tinholoq ta' spiss f'certi hwienet. Anqas ma jista' jinghad li kien hemm xi impossibilita` li tinhareg ricevuta skond il-ligi b'mod li l-appellanti hi ezenti mir-responsabbilta` penali. Ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 87/1997[1] kien car fil-portata tieghu: l-ircevuta fiskali permezz tal-*cash register* kellha tinhareg <u>fil-mument</u> li jsir il-hlas u mhux f'xi hin wara; altrimenti wiehed ikun qed jaghti lok ghal abbuzi b'dannu ghall-erarju pubbliku. Jekk l-appellanti dak il-hin ma setghetx tohrog ricevuta fiskali lit-tieni klienta ghax il-*cash register* kien qed jintuza biex tgahmel il-kont tal-ewwel wahda, hi kellha dak il-hin <u>ma taccettax</u> it-tnejn u erbghin centezmu u tghid lit-tieni klienta biex tistenna sakemm tkun f'posizzjoni li tottempera ruhha mal-ligi. Il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku, minghajr il-kunsens tal-appellanti, it-tieni klienta hallitilha l-flus fuq il-bank u telqet 'l barra.**

Fi kliem iehor, meta persuna tkun evidentement ser thalli l-flus u tohrog ‘l barra, il-persuna li suppost li tohorgilha r-ricevuta fiskali ghandha tghidilha biex tistenna ftit sakemm tinhareg din ir-ricevuta. Huwa biss jekk jigi pruvat, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li l-persuna baqghet hierga <u>minkejja t-talba biex tistenna</u>, li jista’ jinghad li l-persuna li suppost “tohrog u taghti” l-imsemmija ricevuta giet imqeghda fl-impossibilita` li “tohrog u taghti” dik l-ircevuta “<u>minnufih wara</u> li jkun sar il-hlas”. Fil-kaz in dizamina, meta xehed l-appellant, hu f’ebda hin ma qal li huwa b’xi mod ipprova jghid lill-mara li kienet hadet il-hobza u li kienet hellietlu l-flus (presumibbilment fuq il-bank) biex din tistenna ftit sakemm tinhargilha r-ricevuta – l-appellant semplicement jghid li mhux fattibbli tali procedura ghax in-nies jaqbdu w johorgu xorta wahda. Din il-Qorti tosserva wkoll illi kieku verament l-appellant sab ruhhu f’xi impossibilita` li johrog ir-ricevuta fiskali lill-mara li kienet hadet il-hobza, l-ewwel haga li kien jaghmel kien li jispjega

[1] Fil-kaz in dizamina tapplika l-partita 2 tal-Erbatax-il Skeda tal-Att XXIII ta’ l-1998, li tipprovdi li r-ricevuta fiskali ghandha “…tinhareg u tinghata…minnufih wara li jkun sar il-hlas…”.

dan kollu lill-ispetturi tal-VAT li dahlu fil-hanut tieghu flimkien ma’ l-imsemmija mara. Din il-Qorti hi sodisfatta, bhlama necessarjament kienet l-ewwel qorti, li l-appellant qatt ma ta’ tali spjegazzjoni *a tempo vergine* lill-imsemmija spetturi ghax kieku huma kienu jnizzlu notament f’dan is-sens fir-rapport taghhom. Ghalhekk l-aggravju fil-meritu qed jigi respint.

L-unika haga li ser taghmel din il-Qorti – u dan biss in vista ta’ l-ammont zghir involut fil-bejgh in kwistjoni – hu li tirriduci l-multa ghall-minimu stabbilit fil-ligi, u cioe` ghal mija u hamsin lira (Art. 77 tal-Att XXIII ta’ l-1998).

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn fejn ikkundannat lill-appellant multa ta’ mitejn lira u minflok tikkundannah multa ta’ mija u hamsin lira (Lm150), konvertibbli fi tletin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi, u tikkonferma l-imsemmija sentenza fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------